DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Ottubru 2008

li tistabbilixxi data ta' skadenza ġdida għall-preżentazzjoni ta' dossiers għal ċerti sustanzi li għandhom jiġu eżaminati skond il-programm ta' ħidma ta' għaxar snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6266)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/831/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 ta' l-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali [2] jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-għan li possibbilment ikunu inklużi fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE.

(2) Għal għadd ta' sustanzi / kombinazzjonijiet ta' tipi ta' prodotti inklużi f'dik il-lista, jew irtiraw il-parteċipanti kollha inkella ma wasal l-ebda dossier sad-data ta' skadenza speċifikata fl-Artikolu 9(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007 mill-Istat Membru maħtur bħala r-Rapporteur għall-evalwazzjoni.

(3) Għalhekk, u skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri b'dan. Fit-8 ta' Novembru 2007, dik l-informazzjoni ġiet ippubblikata wkoll permezz ta' mezzi elettroniċi.

(4) Fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni elettronika ta' dik l-informazzjoni, ċerti kumpaniji indikaw l-interess tagħhom li jassumu r-rwol ta' parteċipant għal xi whud mis-sustanzi u t-tipi ta' prodotti kkonċernati, skond l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007.

(5) Għalhekk għandha tiġi stabbilita data ta' skadenza ġdida għall-preżentazzjoni ta' dossiers għal dawn is-sustanzi u t-tipi ta' prodotti skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 12(3) ta' dak ir-Regolament.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data ta' skadenza l-ġdida għall-preżentazzjoni ta' dossiers għas-sustanzi u t-tipi ta' prodotti stipulati fl-Anness għandha tkun l-1 ta' Diċembru 2009.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 31 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
[2] ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.

ANNESS

Sustanzi u tipi ta' prodotti li d-data ta' skadenza l-ġdida għall-preżentazzjoni tad-dossiers tagħhom hija l-1 ta' Diċembru 2009

Isem	Numru EC	Numru CAS	Tip ta' prodott	SMR
1,2-benżisotijażol-3(2H)-on	220-120-9	2634-33-5	2	ES
2,2′-ditijobis[N-metilbenżamid]	219-768-5	2527-58-4	6	PL
2,2′-ditijobis[N-metilbenżamid]	219-768-5	2527-58-4	13	PL
2-Butanon, perossidu	215-661-2	1338-23-4	1	HU
2-Butanon, perossidu	215-661-2	1338-23-4	2	HU
2-Butanon, perossidu	215-661-2	1338-23-4	3	HU
2-Butanon, perossidu	215-661-2	1338-23-4	6	HU
2-kloroaċetamid	201-174-2	79-07-2	3	EE
2-kloroaċetamid	201-174-2	79-07-2	6	EE
2-kloroaċetamid	201-174-2	79-07-2	13	EE
Monoidroklorur tad-dodeċilgwanidin	237-030-0	13590-97-1	6	ES
Ossidu ta' l-etilene	200-849-9	75-21-8	2	NO
Glijossal	203-474-9	107-22-2	2	FR
Glijossal	203-474-9	107-22-2	3	FR
Glijossal	203-474-9	107-22-2	4	FR
Aċidu eża-2,4-dienojku/Aċidu sorbiku	203-768-7	110-44-1	6	DE
Taħlita ta' ċis- u trans-p-mentan-3,8-dijol/Ċitrijodijol	255-953-7	42822-86-6	1	UK
Taħlita ta' ċis- u trans-p-mentan-3,8-dijol/Ċitrijodijol	255-953-7	42822-86-6	2	UK
Oligo(2-(2-etossi)etossietilgwanidinju klorur)	Polimer	374572-91-5	1	FR
Oligo(2-(2-etossi)etossietilgwanidinju klorur)	Polimer	374572-91-5	5	FR
Oligo(2-(2-etossi)etossietilgwanidinju klorur)	Polimer	374572-91-5	6	FR
Oligo(2-(2-etossi)etossietilgwanidinju klorur)	Polimer	374572-91-5	13	FR
Poli(eżametilindiammina gwanidinju klorur)	Polimer	57028-96-3	1	FR
Poli(eżametilindiammina gwanidinju klorur)	Polimer	57028-96-3	5	FR
Poli(eżametilindiammina gwanidinju klorur)	Polimer	57028-96-3	6	FR
Poli(eżametilindiammina gwanidinju klorur)	Polimer	57028-96-3	13	FR
Jodju polivinilpirrolidon	Polimer	25655-41-8	1	SE
Potassju-(E,E)-eża-2,4-dienoat	246-376-1	24634-61-5	6	DE
Piridin-2-tijol 1-ossidu, melħ tas-sodju	223-296-5	3811-73-2	2	SE
Piridin-2-tijol 1-ossidu, melħ tas-sodju	223-296-5	3811-73-2	3	SE
Aċidu saliċiliku	200-712-3	69-72-7	1	LT

Isem	Numru EC	Numru CAS	Tip ta' prodott	SMR
Aċidu saliċiliku	200-712-3	69-72-7	2	LT
Aċidu saliċiliku	200-712-3	69-72-7	3	LT
Aċidu saliċiliku	200-712-3	69-72-7	4	LT
Diossidu tas-silikon – amorfuż	231-545-4	7631-86-9	3	FR
Klorur tal-fidda	232-033-3	7783-90-6	3	SE
Klorur tal-fidda	232-033-3	7783-90-6	4	SE
Klorur tal-fidda	232-033-3	7783-90-6	5	SE
Klorur tal-fidda	232-033-3	7783-90-6	13	SE
Diossidu tal-kubrit	231-195-2	7446-09-5	1	DE
Diossidu tal-kubrit	231-195-2	7446-09-5	2	DE
Diossidu tal-kubrit	231-195-2	7446-09-5	4	DE
Diossidu tal-kubrit	231-195-2	7446-09-5	5	DE
Diossidu tal-kubrit	231-195-2	7446-09-5	6	DE
Diossidu tal-kubrit	231-195-2	7446-09-5	13	DE
Tijabendażol	205-725-8	148-79-8	2	ES
Tijabendażol	205-725-8	148-79-8	13	ES
Triklosan	222-182-2	3380-34-5	3	DK
Polimer ta' formaldeide u akrolein	Polimer	26781-23-7	3	HU